## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 275/2019: WARA L-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI NUMRU 2470/2018 FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) IPPREŻENTATA AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 166A TAL-KAP. 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA FL-ISMIJIET:- **JOSEPH LAUTIER (KI. 1057545M) V. MARIA FENECH ATTARD (KI. 3681M)**

(REVOKA TA' TITOLU EŻEKUTTIV OTTJENUT PERMEZZ TA' ITTRA UFFIĊJALI MAHRUĠA TAHT L-ART. 166A TAL-KAP. 12 – KAP. 12 ART. 166A(5))

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**24 ta' Ottubru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Maria Fenech Attard ("ir-rikorrenti") ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2019[1] li permezz tiegħu, għar-raġunijiet elenkati fl-istess rikors, talbet li l-Qorti tiddikjara illi:

1. L-ittra ġudizzjarja mertu ta' dan ir-rikors, bir-riferenza numru 2470/2018 bħala nulla u mingħajr effett fil-Liġi u konsegwentament tordna r-rexxissjoni tal-istess;
2. Konsegwentament tordna t-titolu eżekuttiv ottjenut mill-intimat in virtù tal-ittra ġudizzjarja mertu ta' dan ir-rikors, bir-riferenza numru 2470/2018 bħala null u mingħajr effett fil-Liġi u konsegwentament tordna r-rexxissjoni tal-istess;
3. Konsegwentament il-mandat ta' sekwestru ukoll mertu ta' dan ir-rikors, bir-riferenza 1135/2019 huwa null u mingħajr effett fil-Liġi u konsegwentament tordna r-rexxissjoni tal-istess;
4. Konsegwentament l-effetti kollha tal-mandat ta' sekwestru mertu ta' dan ir-rikors huwa nulli u mingħajr effett fil-Liġi.

[1] Fol 1-10

wara li rat ir-risposta ta' Joseph Lautier ("l-intimat") ippreżentata fid-9 ta' Jannar 2020[2] li permezz tagħha għar-raġunijiet imsemmija fl-istess att, talab lill-Qort tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti *in toto*, tikkonferma l-validita' tat-titolu eżekuttiv u tordna li l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1135/19 jibqa' fis-seħħ,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Rebecca Mercieca,
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Thomas Bartolo,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### L-att promotur u l-att risponsiv

1. Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tirrevoka l-ittra uffiċjali in kwistjoni u tirrexxindi it-titolu eżekuttiv ottjenut permezz tagħha kif ukoll il-mandat eżekuttiv li nħareġ abbażi tal-istess ittra għas-segwenti raġunijiet:

    - L-ittra ġiet imqassma lil ċertu J. Attard bin-numru tal-karta tal-identita' 388455M fit-12 ta' Jannar 2019 fil-fond 10, Punsietta, Triq it-Tgħam, Mellieħa, liema indirizz m'huwiex la l-indirizz fejn toqgħod u lanqas ta' fejn taħdem u għalhekk in-notifika ma' saritx kif suppost. Din hija r-raġuni għala l-ittra ma' ġietx kuntestata fit-terminu prefiss. Il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv ma' kienx ġie notifikat lilha u kien biss meta r-rikorrenti ġiet mgħarrfa mill-bank permezz ta' *"garnishee order advice"* li hija ntebħet b'dak li kien seħħ.

    - L-ittra ma' kellix dikjarazzjoni ċara tal-fatti u tar-raġunijiet li fuqhom ssejset it-talba;

2. L-intimat min-naħa tiegħu rrisponda għat-talbiet tar-rikorrenti billi *inter alia* sostna illi:

---

[2] Fol 63-75

- B'mod preliminari r-rikors huwa null minħabba l-kumulu tal-azzjonijiet billi hemm talba għar-revoka tal-ittra uffiċjali taħt l-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 u talba sabiex jiġi revokat mandat esekuttiv taħt l-Art. 281 tal-Kap. 12;

- It-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv hija nsostenibbli għaliex dak li qed tallega r-rikorrenti bl-ebda mod ma' jolqot is-siwi *o meno* tal-mandat ta' sekwestru.

- J. Attard m'hija ħadd ħlief omm ir-rikorrenti li allura qed tipprova tgħaddi żmien bil-Qorti meta tagħmel ta' bir-ruħa li ma tafx min hi din il-persuna. L-ittra ġiet notifikata kif suppost u din il-proċedura qed tiġi użata abbużivament mir-rikorrenti wara li naqset milli tikkuntestaha fiż-żmien prefiss lilha.

- Fl-ittra hemm indikat b'mod ċar x'tirrappreżenta s-somma mitluba u r-rikorrenti ma' tistax tgħid li ma' kienetx taf bl-ammont anke in vista tal-korrespondenza li kienet għaddiet bejn il-partijiet (kopja annessa mar-risposta) rigwardanti dan l-istess ammont qabel ma' ġiet intavolata l-ittra uffiċjali.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari**

3. Għal kull bwon fini l-Qorti kienet ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2020 għar-raġunijiet imsemmija fid-digriet tagħha.[3]

**Provi**

4. Fil-25 ta' Jannar 2021 xehdet ir-rikorrenti **Maria Fenech Attard**[4]**.** Spjegat illi fil-fond 10, Punsjetta, Triq it-Tgħam, Mellieħa tgħix ommha, ċertu Joan Attard. Hija kienet tgħix hemmhekk pero telqet madwar erbatax-il sena ilu. Fuq il-karta tal-identita' tagħha tinsab reġistrata bħala li toqgħod 3, Hillside, Flat 1, Triq Għar u Casa, Mellieħa. Saret taf bl-ittra uffiċjali meta ġiet mgħarrfa biha mill-Bank of Valletta. Xehdet illi hija ma' tirċieviex posta fid-dar t'ommha u ma' tafx x'kienet ir-raġuni 'l għala ma' tagħtix l-ittra meta rċeviha u ffirmat għaliha.

5. Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2021 xehdet il-Marixxal tal-Qorti **Josette Bonello**[5] li *inter alia* ppreżentat żewġ dokumenti: Dok JB1 u Dok JB2 li juru kopja tal-envelope, *pink card* u riferta għal żewġ tentattivi separati ta' notifika bil-posta. Ir-riferta tas-7 ta' Diċembru 2018, iffirmata minnha stess, jattesta għall-fatt illi fil-5 ta' Diċembru 2018

---

[3] Fol 105
[4] Fol 106A-106C
[5] Fol 117A-117E

l-attentat sabiex l-ittra tiġi imqassma bil-posta fl-indirizz 3, Hillside Flat 1, Triq Għar u Casa, Mellieħa ma' rnexxiex stante illi ġie indikat "*no such person*". Il-*pink card* relattiva ma' turix dawn id-dettalji iżda x-xhud spjegat illi kienet ħadet din il-informazzjoni minn fuq l-envelop innifsu. Ir-riferta tal-15 ta' Jannar 2019, iffirmata mill-marixxal tal-Qorti Josephine Aber jattesta għall-fatt illi fit-12 ta' Jannar 2019 l-ittra ġie imqassma bil-posta fl-indirizz 10, Punsietta, Triq it-Tgħam, Mellieħa u li ffirmat għaliha ċertu J. Attard bin-numru tal-karta tal-identita' 788455(M). Finalment ix-xhud spjegat illi hija personalment qatt ma' marret fuq il-post in kwistjoni peress illi xogħolha huwa limitat għal li tieħu l-*pink cards* li jkunu nbagħtu mill-posta ta' Malta lill-Qorti, mingħand ic-*Chief Marshal*.

6. Fl-istess seduta xehdet ukoll **Joanna Bartolo**, rappreżentanta tal-Bank of Valletta, li kkonfermat illi b'riferenza għall-kont bankarju bin-numru 40010041297 li jidher fuq il-*Garnishee Order Advice* a fol 10 tal-proċess, dan jgħajjat lir-rikorrenti Maria Fenech Attard. Dan il-kont infetaħ fil-5 ta' Ottubru 2000 u għalkemm kien għadu miftuħ pero kellu l-bilanċ tiegħu żero. Ix-xhud qalet ukoll illi fl-2004 l-indirizz postali tar-rikorrenti kien Punsietta, Numru 10, Triq it-Tgħam, Mellieħa filwaqt li fl-2010 dan inbidel għal 7, Triq in-Narċis, San Gwann. Din l-informazzjoni l-bank ikun ħadha mingħand il-klijent stess.

7. Fl-istess seduta xehdet in kontroeżami **Maria Fenech Attard** li kkonfermat li n-numru tal-karta tal-identita' tagħha huwa 3681(M) u li l-indirizz fuq il-karta tal-identita' tagħha huwa Hillside, Flat 1, Triq Għar u Casa, Mellieħa. Mistoqsija 'l għala r-rappreżentanta tal-bank kienet tat indirizzi differenti r-rikorrent spjegat illi l-indirizz Punsietta, 10, Triq it-Tgħam, Mellieħa kien il-post fejn hija kienet tgħix fih qabel ma' żżewġet. L-indirizz 7, Triq in-Narċis, San Ġwann huwa l-post fejn hija marret toqgħod wara li żżewġet. Xehdet illi hija m'għadiex tieħu s-servizzi tal-Bank of Valletta u li hi kienet infurmat lill-bank bl-indirizz il-ġdid tagħha iżda dan ma' jidhrix li kien ġie mibdul. Ikkonfermat illi fis-snin 2018-2019 hija kienet toqgħod Hillside, Flat 1, Triq Għar u Casa, Mellieħa. Mistoqsija għala allura hija kienet irċeviet il-*Garnishee Order Advice* a fol 10 tal-proċess, indirizzata fil-post 7, Triq in-Narċis, San Ġwann, hija xehdet illi dik il-proprjeta' għadha ssejjaħ lir-raġel tagħha u li għad għandhom aċċess għal dak il-post. Ikkonfermat ukoll illi ommha ma' kienet tatha l-ebda ittra uffiċjali.

**Il-liġi**

8. Skond l-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> « **Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-**

**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:**

**(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew**

(ii) **li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) ...** »

9. L-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Artikolu 166A hija att ġudizzjarju *sui generis* li għandha konsegwenzi drastiċi u m'hijiex sempliċiment interpellazzjoni għall-ħlas għaliex fin-nuqqas ta' opposizzjoni entro t-terminu statutorju ta' tletin ġurnata min-notifika l-ittra nnifisha tista' tiġi reża bħala titolu eżekuttiv. Huwa għalhekk illi l-leġislatur ħaseb għal numru ta' kriterji tassattivi li għandhom jiġu sodisfatti mill-kreditur fil-ħruġ ta' din l-ittra u dan taħt piena ta' nullita' jekk xi waħda minn dawn il-kriterji ma' jiġux osservati skrupolożament. Dawn il-kriterji huma:

- **Kriterji Sostantivi:**

  1. **Il-kreditu:** L-interpellanza trid tkun għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u dovut li ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000). B'eċċezzjoni għal din il-kriterju, il-kreditur li jkollu dejn li ma' jkunx għadu likwidat jista' ukoll jintavola l-pretensjoni tiegħu permezz ta' din l-ittra uffiċjali diment illi jillimita l-pretensjoni għal ammont li ma' jeċċedix €25,000 u jirrinunzja b'mod espress għal kull dejn li jeċċedi din is-somma.[6]

  2. **Id-debitur**: Id-debitur jrid ikun preżenti f'Malta u ma' jistax ikun minuri jew persuna mhux kapaċi skond il-liġi. Id-dejn ma' jistax ikun dovut minn eredità ġjaċenti.[7]

  3. **Kontenut tal-ittra:** Fl-ittra għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.[8]

- **Kriterji Proċedurali:**

[6] Kap. 12, Art. 166A(1)
[7] Kap. 12, Art. 166A(1)
[8] Kap. 12, Art. 166A(2)

1. **Il-forma tal-ittra uffiċjali:** L-ittra uffiċjali għandha tkun skond il-forma stabbilita mill-Avviż Legali 278 tal-2005 (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22) u ċioe fl-ittra innifisha għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti, l-avviż segwenti: "Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali."[9]

2. **Konferma bil-ġurament:** L-ittra uffiċjali għandha tkun kkonfermata bil-ġurament mill-kreditur[10].

3. **Notifika tal-ittra:** L-ittra uffiċjali għandha tiġi notifikata kif imiss lid-debitur[11].

4. **Intimazzjoni lid-debitur:** Fl-ittra għandu ikun hemm intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin (30) jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv.[12]

5. **L-intimazzjoni ma' trid tkun waħda diġa opposta taħt l-Art. 166A**: meta d-debitur ikun oppona t-talba kif imiss, il-proċedura speċjali li tinsab f'dan l-artikolu ma tistax terġa' tintuża kontra d-debitur għar-rigward tal-istess talba li jkun hemm fl-ittra uffiċjali notifikata lilu.[13]

6. **Notifika lill-kumpanija tal-assigurazzjoni**: meta t-talba toriġina taħt l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104), dik l-ittra uffiċjali għandha taħt piena ta' nullità tiġi wkoll notifikata lill-assigurazzjoni awtorizzata

[9] Kap. 12, Art. 166A(2)
[10] Kap. 12, Art. 166A(2)
[11] Kap. 12, Art. 166A(5)(i)
[12] Kap. 12, Art. 166A(3)
[13] Kap.12, Art. 166A(3)(d)

li għandu jkollha l-istess drittijiet taħt dan l-artikolu daqslikieku kienet id-debitur fuq imsemmi.

10. Ir-rikorrent qed tinvoka ż-żewġ subinċiżi tal-Art. 166A(5). Fl-ewwel lok qed tgħid li n-notifika ma' saritx kif suppost, anzi, qed tgħid li effettivament hija ma' ġiet notifikata xejn. Fit-tieni lok qed tgħid li l-ittra m'għandiex il-ħtiġijiet stipulati fis-subartikolu (2) billi ma' kienx hemm dikjarazzjoni ċara tal-fatti u r-raġunijiet li fuqha hija msejsa t-talba tal-intimat.

**Kunsiderazzjonijiet**

***In-notifika kif imiss***

11. Fir-rigward kif għandha ssir in-notifika l-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 jipprovdi illi din tista' ssir:

- Bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura **direttament** lill-persuna li għandha tirċevieha u dan **irrispettivament minn fejn tinstab** din il-persuna, jew

- Billi l-kopja titħalla **ma' persuna oħra** fl-indirizz postali, fil-post fejn toqgħod, jew fejn taħdem il-persuna li għandha tirċevieha. Din il-persuna oħra għandha tkun

  (i) membru tal-familja jew tad-dar tal-persuna li għandha tirċievi l-ittra, jew
  (ii) fis-servizz tal-persuna li għandha tirċievi l-ittra, jew
  (iii) il-prokuratur tagħha, jew
  (iv) awtorizzata mill-persuna li għandha tirċievi l-ittra sabiex tirċievi l-posta tagħha.

  Il-kopja ma' tistax titħalla f'idejn persuni ta' inqas minn 14-il sena jew f'idejn persuni li jkollhom diżordni mentali jew kundizzjoni li tagħmilhom inkapaċi li jixhdu fuq in-notifika in kwistjoni.

12. L-Artikolu 187(8) tal-Kap. 12 jipprovdi imbagħad li n-notifiki "**jistgħu ukoll isiru minn uffiċjali tal-Posta b'dak il-mod u skont dawk ir-regoli li jkunu konformi mar-regolamenti postali skont kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jordna b'avviż fil- Gazzetta**".

13. Fir-Regoli Dwar In-Notifika Ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12) jingħad fost affarijiet oħra illi:

- In-notifika ta' atti ġudizzjarji għandha, kemm-il darba xi qorti ma tordnax xort'oħra, issir bil-posta reġistrata, u għandha ssir applikazzjoni għal avviż ta' konsenja meta tiġi mpustata[14]

- Meta n-notifika tkun ser issir bil-posta, l-uffiċjali eżekuturi tal- qrati għandhom:

    - iħejju d-dokumenti postali meħtieġa għal dik in-notifika, u jippreżentaw l-envelopp relattiv bl-iskrittura magħluqa ġewwa fih fl-uffiċċju tal-posta;

    - jinnotaw f'reġistru miżmum għal hekk, il-partikolaritajiet fl-att ġudizzjarju msemmi fl-artikolu 174 tal-Kodiċi, id-data tal-preżentata fir-reġistru u n-numru ta' l-uffiċċju tal-kaxxier tar-reġistru immarkat fuq l-att ġudizzjarju, in-numru mogħti mill-awtoritajiet tal-posta lill-envelopp li fih ikun ġie magħluq l-att ġudizzjarju biex jiġi impustat, u, jekk in-notifika tkun saret, id-data ta' dik in-notifika u d-data meta jiġi lura l-avviż tal-konsenja;

    - jagħmlu ċertifikat fejn jingħad jekk in-notifika saritx jew le u li fih għandhom jidħlu wkoll il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 188 tal-Kodiċi;

    - jgħarrfu lill-parti li tippreżenta l-iskrittura, jew lill-avukat jew prokuratur legali tagħha, jekk in-notifika tkunx saret jew le, u jekk tkun saret, meta.[15]

14. Matul iż-żminijiet żviluppat prassi fejn malli l-kumpanija Maltapost p.l.c. tirċievi att ġudizzjarju mill-Qorti sabiex jiġi notifikat bil-posta, tiġi mimlija karta uffiċjalment bl-isem ta' "*Avviz ta' Kunsinna ta' Ittra Reġistrata*" mibgħuta mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali) magħrufa ukoll bħala l-*pink card,* li tkun imwaħħla mal-envelop innifsu u li fiha apparti d-dettalji u l-indirizz tal-persuna li għandha tirċevieha jkollha ukoll post fejn tista' tiġi ffirmata mid-destinatarju u mill-uffiċjal tal-posta li jmur biha kif ukoll indikazzjoni ta' jekk l-att ikunx ġie imqassam jew le. Din il-*pink card* imbagħad tintbagħat lir-Reġistratur meta l-uffiċjal eżekutur jkun jista' jħejji r-riferta relattiva skond l-informazzjoni li jsib fuq din il-*pink card.*

---

[14] Art. 3(1) tar-Regoli Dwar In-Notifika Ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12)
[15] Art 5 *ibid*

15. Issa f'dan il-każ l-ittra uffiċjali in kwistjoni ġiet indirizzata lir-rikorrenti fl-indirizz: **3, Hillside, Flat 1, Triq Għar u Casa, Mellieħa**. Dan l-indirizz huwa ukoll imniżżel fl-aħħar tal-istess ittra bħala l-indirizz fejn kellha ssir in-notifika. L-ewwel tentattiv ta' notifika bil-posta fl-indirizz imsemmi rriżulta negattiv. Ftit ġimgħat wara pero' l-intimat Lautier ħallas id-drittijiet relattivi fir-reġistru sabiex ikun hemm tentattiv ieħor ta' notifika bil-posta ġewwa l-indirizz **10, Punsietta, Triq it-Tgħam, Mellieħa.** Dan it-tentattiv irnexxa fis-sens illi meta fit-12 ta' Jannar 2019 mar il-pustier l-ittra nġabret minn J. Attard, li wara rriżulta illi hija omm ir-rikorrenti stess. Iżda b'dan il-mod jista' jingħad li n-notifika saret "kif imiss" ?

16. Darba n-notifika ma' saritx bil-kunsinna tal-iskrittura direttament lir-rikorrenti, ai termini tal-Art. 187(1) l-ittra setgħet titħalla ma' ommha biss f'wieħed minn tlett postijiet:

    - Fl-indirizz postali tar-rikorrenti, jew
    - Fil-post fejn toqgħod ir-rikorrenti, jew
    - Fil-post fejn taħdem ir-rikorrenti.

17. Il-liġi ma' tagħtix definizzjoni ta' indirizz postali u tal-"post" fejn wieħed joqgħod. Prova importanti, għalkemm ribattibbli, ta' fejn tkun tirrisjedi persuna huwa r-Reġistru Elettorali. Fost id-dettalji li jiġu reġistrati fir-Reġistru Elettorali huma: "**isem it-triq fejn ikunu reġistrati**" l-eletturi u "**l-post fejn ikun soltu joqgħod**" (it-test bl-Ingliż jaqra "**ordinary place of residence**")[16]. Kif inhuwa komunament magħruf ir-Reġistru Elettorali jiġi ppubblikat darbtejn fis-sena: f'April u f'Ottubru. L-aħħar edizzjoni tar-Reġistru qabel ma' ġiet notifikata r-rikorrenti kienet għalhekk dik li ħarġet f'Ottubru 2018. Għalkemm ma' ġietx esebita kopja ta' estratt mir-Reġistru ta' Ottubru 2018, l-intimat innifsu esebixxa kopja ta'estratt mir-Reġistru li ġie ppubblikat f' April 2019.[17] Dan juri li almenu minn April 2019 il-post fejn "soltu toqgħod" ir-rikorrent kien **3, Hillside, Flat 1, Triq Għar u Casa, Mellieħa**.

18. Prova oħra importanti, li ukoll hija ribattibbli, ta' fejn tirrisjedi persuna hija l-karta tal-identita'. Din tinkludi *inter alia* l-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza f'Malta tal-persuna li jinħarġilha d-dokument.[18] Mill-kopja tal-karta tal-identita' esebita mir-rikorrenti[19] jirriżulta illi mit-13 ta' Settembru 2014 (id-data ta' meta nħarġitilha) il-post prinċipali ta' residenza tagħha kien **3, Hillside, Flat 1, Triq Għar u Casa, Mellieħa.**

---

[16] Art. 31(2) tal-Kap. 354
[17] Fol 94
[18] Art. 5(2)(b) tal-Kap. 258
[19] Fol 30

19. Dawn il-provi huma ribattibbli fis-sens illi persuna tista' tiddikjara li tgħix f'post meta fil-verita' ma' tkunx qed tagħmel hekk. Madanakollu ma' tressqu l-ebda provi f'din il-kawża illi juru dan. Lanqas ma' tressqu provi illi r-rikorrenti kienet tgħix fil-fond **Punsietta, 10, Triq it-Tgħam, Mellieħa**, i.e. l-indirizz fejn saret in-notifika. Fir-risposta tiegħu l-intimat jargumenta illi l-fatt li l-mandat ta' sekwestu eżekuttiv (li segwa l-ittra uffiċjali meta din ġiet reża eżekuttiva) ma' setax jiġi notifikat lir-rikorrenti fl-indirizz **3, Hillside, Flat 1, Triq Għar u Casa, Mellieħa** u l-fatt illi l-*Garnishee Order Advice* mibgħuta mill-Bank of Valletta fl-2019 lir-rikorrenti kienet indirizzata **7, Triq in-Narċis, San Gwann** juru illi mhuwiex vera illi r-rikorrenti tgħix fl-indirizz indikat minnha, ossia **3, Hillside, Flat 1, Triq Għar u Casa, Mellieħa**. Il-Qorti tara li dan l-argument huwa wieħed fallaċi għall-aħħar. Huwa minnu li l-mandat ta' sekwestru ma' ġiex notifikat fl-indirizz **3, Hillside, Flat 1, Triq Għar u Casa, Mellieħa** (għaliex "ma fetaħ ħadd") u li l-*Garnishee Order Advice* ġiet mibgħuta fl-indirizz ta' San Ġwann. Huwa minnu ukoll illi r-rappreżentanta tal-Bank of Valletta xehdet illi mill 2010 l-indirizz fir-*records* tagħhom tar-rikorrenti huwa 7, Triq in-Narċis, San Ġwann. Madanakollu dawn il-fatti m'humiex prova illi r-rikorrenti qatt ingannat lil xi ħadd dwar il-post fejn verament toqgħod. Dan jingħad iżjed u iżjed meta wieħed iqis illi kien fl-2014 illi r-rikorrent biddlet l-indirizz għal dak ta' **3, Hillside, Flat 1, Triq Għar u Casa, Mellieħa** u li skond kif xehdet hija stess, ir-rikorrenti ma' baqgħetx tagħmel użu mill-kontijiet bankarji tal-Bank of Valletta tant illi l-kont in kwistjoni kellu bilanċ ta' żero. Ir-rikorrenti kellha ukoll spjegazzjoni għall-indirizz ta' San Ġwann billi qalet illi dan il-post huwa reġistrat fuq żewġha u li t-tnejn li huma għad għandhom aċċess għall-posta ta' dan il-fond. Din hija spjegazzjoni plawżibbli li l-Qorti ma' tarax għalfejn m'għandiex temminha.

20. Fuq kollox u iżjed importanti minn hekk, ma' tressqet l-ebda prova illi fid-data ta' meta ġiet notifikata lilha l-ittra uffiċjali r-rikorrenti kienet toqgħod fl-indirizz **Punsietta, 10, Triq it-Tgħam, Mellieħa**. Anzi, l-provi kollha juru l-kuntrarju u ċioe illi r-rikorrenti ma' kienetx tgħix hemmhekk u li dan ma' kienx l-indirizz postali tagħha.

21. Huwa ċar ukoll illi l-intimat innifsu kien jaf bl-indirizz postali u ta' fejn toqgħod ir-rikorrenti meta fl-ittra uffiċjali huwa indikata l-post fejn għandha ssir in-notifika bħala **3, Hillside, Flat 1, Triq Għar u Casa, Mellieħa.** Meta imbagħad l-ewwel tentattiv ta' notifika ma' seħħx, għal xi raġuni huwa prova tentattiv ieħor din id-darba fl-indirizz **Punsietta, 10, Triq it-Tgħam, Mellieħa**. Fir-risposta tiegħu l-intimat jargumenta illi huwa kien ġustifikat jipprova jinnotifika lir-rikorrenti f'dan l-indirizz għaliex kellu informazzjoni li hija kienet tgħix hemm u skond l-Art. 187(1) in-notifika tista' ssir bil-kunsinna tal-att lill-persuna li lilha tkun indirizzata, "*kull fejn dik il-persuna tinstab*". Huwa veru illi meta n-notifika ssir direttament lill-

persuna li lilha jkun indirizzat l-att, din tista' ssir kullimkien. Madanakollu f'dan il-każ il-kunsinna ma' saritx direttament lir-rikorrenti iżda lil ommha. Għalhekk skond il-liġi l-kunsinna setgħet issir biss fl-indirizz postali, fil-post fejn toqgħod jew fil-post fejn taħdem ir-rikorrenti, u mkien iżjed. Huwa impreċiż ukoll l-intimat meta jgħid fir-risposta tiegħu illi skond l-istess artikolu tal-liġi n-notifika tista' ssir f'idejn membru tal-familja, għaliex kif diġa ngħad huwa biss fil-postijiet imsemmija illi n-notifika tista' tabilħaqq ssir f'idejn membru tal-familja u mhux kullimkien, kif donnu implika l-intimat.

22. Għalhekk jirriżulta lill-Qorti illi l-ittra uffiċjali in kwistjoni ma' ġiet notifikata kif imiss lir-rikorrenti. Jfisser ukoll illi m'għandux raġun l-intimat jgħid illi dan ir-rikors ġie intavolat *fuore termine*.

23. Premess is-suespost, il-Qorti kif presjeduta ma' twelditx il-bieraħ. Il-possibilita' illi omm ir-rikorrenti m'għarrfitx lil bintha bl-ittra uffiċjali li kienet rċeviet mill-Qorti m'hijiex waħda realistika. Xorta waħda dan ma jfissirx li n-notifika saret kif suppost. Il-proċedura tal-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 ghandha konsegwenzi legali gravi fuq il-persuna li tirċievha li ma tikkuntestahix fiż-żmien prefiss. U għax għandha konsegwenzi daqstant gravi, il-ligi timponi restrizzjonijiet sinjifikanti u riġidi, jekk mhux ukoll ħarxa, maħsuba sabiex jagħtu protezzjoni assoluta lil dawk li jirċievu ittra ta' dik in-natura. La n-notifika ma' saritx strettament kif trid il-liġi, l-intimat għandu jġorr ir-responsabilta' t'għemilu.

**Rexissjoni tal-ittra uffiċjali u tal-mandat eżekuttiv**

24. It-talbiet tar-rikorrenti m'humiex biss illi l-Qorti tirrevoka t-titolu eżekuttiv ottjenut bis-saħħa tal-ittra uffiċjali *de quo*. Din qed titlob qabel xejn ir-revoka tal-ittra uffiċjali in kwistjoni u qed titlob ukoll ir-revoka tal-mandat eżekuttiv li ħareġ abbażi tagħha u tal-effetti tiegħu.

25. Fir-rigward tat-talba separata għar-rexissjoni tal-ittra uffiċjali, huwa minnu illi l-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 jirreferi għar-rexissjoni tat-"titolu eżekuttiv" u mhux għar-rexissjoni *per se* tal-ittra uffiċjali. Huwa possibbli ukoll illi ittra uffiċjali li ma' tkunx ġiet kuntestata fiż-żmien prefiss ma' tkunx titolu eżekuttiv peress li ma' tkunx għadha reġistrata bħala tali taħt l-Art. 166B. Madanakollu l-Qorti tara illi ġaladarba ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tiġi reża eżekuttiva bis-saħħa tal-Art. 166B, ma' jkun hemm x'jiddistingwi bejn l-ittra uffiċjali nnifisha u t-titolu eżekuttiv li tkun ġiet ikkonvertita fih. Għalhekk ma' kien hemm l-ebda ħtieġa illi r-rikorrenti tagħmel talba separata għat-tħassir tal-ittra uffiċjali u oħra għat-tħassir tat-titolu eżekuttiv.

26. Fir-rigward tat-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv l-intimat jargumenta fir-risposta tiegħu illi dak li allegat ir-rikorrenti ma' jolqotx is-siwi tal-

mandat in kwistjoni u li talba għal revoka tal-mandat jeħtieġ proċedura *ad hoc* wara li jkun hemm aċċertiment ġudizzjarju illi t-titolu eżekuttiv tiġi ddikjarata nulla u bla effett. Parti minn dan l-argument, ossia' dak illi l-proċedura ta' revoka taħt l-Art. 166A għandu tkun separata mill-proċedura ta' revoka tal-mandat eżekuttiv, diġa kien tressaq bħala eċċezzjoni preliminari, liema eċċezzjoni l-Qorti ċaħdet fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2020.

27. Il-Qrati tagħna f'dan ir-rigward dejjem qiesu illi ma' jkunx fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju illi jesiġu li proċedura għar-revoka ta' titolu eżekuttiv ottjenu taħt l-Art 166A tiġi istitwita b'mod separat mill-proċedura għar-revoka ta' mandat eżekuttiv taħt l-Art. 281 tal-Kap. 12. Ġaladarba l-Qorti tiddikjara illi titolu eżekuttiv ikun null u tgħaddi għar-rexissjoni tiegħu, jagħmel sens illi l-Qorti, jekk mitluba tagħmel dan, immedjatament tgħaddi ukoll sabiex tirrexindi mandat eżekuttiv li jkun nħareġ bis-saħħa ta' dak it-titolu eżekuttiv.

28. Il-Qorti ukoll ma' taqbilx mal-intimat meta dan jgħid illi dak li tallega r-rikorrent ma' jolqotx is-siwi o meno tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni. Ir-rexissjoni tat-titolu eżekuttiv li abbażi tiegħu jkun inħareġ il-mandat ikun ifisser illi l-mandat innifsu għandu difett fil-forma tiegħu stante illi wieħed mill-elementi rikjesti *ad validatem* għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv jiġi mankanti. Din ċertament hija raġuni valida skond il-liġi għaliex mandat eżekuttiv għandu jiġi rexiss u m'għandha x'taqsam xejn mal-mertu nnifsu tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet.

29. Fir-rigward tat-talba li l-Qorti għandha tordna ukoll nulli l-effetti kollha tal-mandat ta' sekwestru, il-Qorti tħoss illi din it-talba hija xi ftit superfluwa billi appena tiddikjara r-rexissjoni tal-mandat hija tkun qed tagħmel hekk *ab initio*. Għalhekk anke jekk ma' tiddikjara xejn, l-effetti kollha tal-istess mandat ukoll jaqgħu fix-xejn

**Deċiżjoni**

30. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi filwaqt li tastjeni milli tippronunzja ruħha dwar l-ewwel talba stante illi din hija assorbita fit-tieni talba, tilqa' t-talbiet l-oħra tar-rikorrenti u ċioe:**

- **tiddikjara null u bla effett u tirrevoka t-titolu eżekuttiv ottjenut permezz tal-ittra ġudizzjarja bin-numru 2470/2018 fl-ismijiet premessi maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta', u**

- **tiddikjara null u bla effett u tirrevoka ukoll l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1135/2019 maħruġ fl-istess ismijiet fit-13 ta' Ġunju 2019 in eżekuzzjoni tal-istess ittra uffiċjali, u**

- **għal kull bwon fini, tiddikjara nulli l-effetti kollha tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv in kwistjoni.**

**Bl-ispejjeż kontra l-intimat.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep. Reġistratur